# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 2**

**Rik. Numru 167/12 RM**

**Tessie Cutajar f'isimha u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha Kathleen Cutajar b'digriet tas-6 ta' Awwissu 2012**

**v.**

**Leo Cutajar**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attrici Tessie Cutajar mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [l-ewwel Qorti] fit-13 ta' April 2016 [is-sentenza appellata], li permezz taghha dik il-Qorti *inter alia* ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli ugwalment liz-zewg partijiet; astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici u tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut billi fil-mori tal-

kawza binthom Kathleen saret maggorenni; laqghet ir-raba' talba tal-attrici, itterminat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u ordnat li l-flat bin-numru tmienja (8), fil-blokk numru wiehed (1), gewwa Triq 21 ta' Settembru 1964, Hal Kirkop, jinbiegh fi zmien tliet xhur u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partjiet, u kkomminat kontra l-partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 *et sequentes* tal-Kodici Civili, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mertu

2. Din hija kawza ghal divorzju fejn il-vertenza principali bejn il-partijiet kienet tikkonsisti primarjament jekk mhux esklussivament fir-responsabbilita` ghat-tkissir taz-zwieg u sussidjarjament, fil-kreditu parafernali li l-attrici tghid li ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti konsistenti fi flus taghha parafernali li skont hi ntefqu f'benefikati gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet. Filwaqt illi fis-sentenza appellata r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg giet addossata ugwalment liz-zewg partijiet u ma sarx appell minn dan il-kap tas-sentenza, fir-rigward tal-kreditu parafernali pretiz mill-attrici, l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma ngabux provi sodisfacjenti li juru li l-attrici ghandha kreditu parfernali kontra l-komunjoni u ordnat li r-rikavat tal-bejgh tal-fond gia` matrimonjali jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li, safejn huma relevanti ghal dan l-appell, qed jigu hawn riprodotti:

> "L-attrici ddikjarat li d-dar applikaw ghaliha flimkien waqt iz-zwieg mill-Housing, flus imgemmghin ma ghandhomx, pero' fit-2004 wirtet LM17,000 minn ghand ommha, Catherine Gerada, ir-ragel ha LM6,000 u xtara Van Mitsubishi u hi l-bilanc ta' LM10,500 nefqithom benefikati fid-dar. Waqt iz-zwieg nxtrat dghajsa u karozza tal-marka Kia Avella GAQ259.
>
> "… … … omissis … … …
>
> "Fil-fehma tal-Qorti l-falliment taz-zwieg tal-partijiet hu r-responsabilita' taghhom it-tnejn ugwalment.
>
> "Dwar l-aspett patrimonjali l-unika assi appartenenti l-komunjoni li saret prova dwarha hija l-appartament li kien jintuza bhala d-dar matrimonjali u li llum tirrisjedi biss fih l-attrici. Ghalkemm l-attrici allegat li ghandha tiehu xi flus rapprezentanti flus parafernali li skond l-attrici intuzaw sabiex saru benefikati fid-dar, ma saret l-ebda prova sodisfacenti f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attrici naqset milli tipprova sodisfacentement li ghandha xi kreditu kontra l-komunjoni.
>
> "Hija wkoll il-fehma tal-Qorti illi l-gravita' tal-htija taz-zewg nahat ghandha twassal sabiex jigu komminati fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili."

L-Appell

4. L-attrici pprezentat l-appell taghha b'rikors datat 29 ta' April 2016 li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti:

> "... ... ... filwaqt li tikkonferma l-parti l-kbira tas-sentenza u tirriformaha biss fis-sens meta tigi ghaz-zewg aggravji jigifieri dik tal-accettazzjoni li l-esponenti kkontribwiet is-somma ta' Lm15,000 minn sehmha parafernali u li jigi estiz it-terminu sabiex tinbiegh id-dar matrimonjali b'hekk is-sentenza datata 13 ta' April 2016 tigi riformata f'dan is-sens u jigi milqugh l-appell kif hawn spjegat bl-ispejjez kontra Leo Cutajar."

5. L-aggravji tal-attrici, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti:- i) l-ewwel Qorti skartat l-investiment ta' flejjes parafernali taghha fil-fond matrimonjali tal-partijiet, liema kontibuzzjoni ma gietx kontestata mill-konvenut; u ii) it-terminu ta' tliet xhur impost fis-sentenza appellata li fih ghandu jinbiegh il-fond matrimonjali tal-partijiet, huwa qasir wisq u ghandu jigi estiz sabiex il-partijiet jilhqu jirrejalizzaw il-valur reali tal-proprjeta` permezz ta' bejgh fuq is-suq.

Ghal dan l-appell, il-konvenut ipprezenta risposta fil-31 ta' Ottubru 2016 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huwa sostna li l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

L-Aggravji

<u>L-Ewwel Aggravju</u>

6. L-attrici tilmenta illi l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-fatt li hi kellha kreditu parafernali fis-somma ta' Lm15,000 illum €34,940.60,

provenjenti mill-bejgh ta' proprjeta` formanti parti mill-wirt ta' ommha, liema somma hija investiet fid-dar matrimonjali. Tikkontendi li l-fatt li hi ma kellhiex ircevuti ta' x'nefqet fid-dar ma jfissirx li dawn il-flus ma ntefqux, tant illi lanqas il-konvenut innifsu ma jikkontesta l-fatt li saru benefikati fil-fond matrimonjali b'investiment tal-flejjes parafernali taghha. Skont l-attrici, jekk il-flus li nefqet fid-dar ma jintraddx lilha mir-rikavat tal-bejgh tal-istess dar, liema bejgh gie ordnat fis-sentenza appellata, il-konvenut ikun qed jarrikkixxi ruhu a skapitu taghha.

7. Il-konvenut, filwaqt li sahaq illi l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-ewwel Qorti ma ghandu qatt jigi disturbat hlief fejn jikkonkorru ragunijiet gravi, wiegeb li fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, huwa kien cahad li l-attrici nefqet dan l-ammont fil-proprjeta` matrimonjali. Isostni ulterjorment illi minkejja li l-ewwel Qorti kienet ikkoncediet lill-attrici iktar zmien biex tipproduci r-ricevuti li qalet li ghandha dwar il-benefikati li saru fid-dar mill-flus parafernali taghha, baqghet ma ressqitx il-provi mehtiega.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Ghandu ragun il-konvenut jghid li l-ewwel aggravju tal-attrici huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. F'materja

ta' apprezzament ta' provi, jigi ribadit[1] illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji[2] jew tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta[3]. Madanakollu, gie ritenut illi:

> "Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia."[4]

9. Illi fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet riferribbilment ghall-kreditu parafernali u taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

10. Hemm diversi inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fil-verzjoni attrici kemm (i) dwar l-ammont ta' flus li wirtet, kif ukoll (ii) dwar il-kreditu parafernali li tghid li ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

[A] Dwar il-flus li wirtet, filwaqt li fid-depozizzjoni taghha[5] l-attrici xehdet li hija wirtet waqt iz-zwieg is-somma ta' Lm17,000, fir-rikors tal-appell

---

[1] App.S 47/06 **Therese Pace v. Camela Borg**, deciz 18 Lulju 2017
[2] App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et** 10/01/1995
[3] App.C. **Paul Formosa v. Salvu Debono** deciza 5/10/2001
[4] App. **Attard v. Direttur tas-Sahha**, 31 Mejju 2014, riprodotta b'approvazzjoni fil-kawza App.S **Joseph John Parnis v. Mary Parnis**, 31 Ottubru 2014.
[5] Seduta tat-23 ta' April 2013, a fol. 93.

hija tghid li gabet fiz-zwieg is-somma ta' Lm15,000 minn sors parafernali. Izda, l-provi akkwiziti juru li l-attrici rceviet mill-wirt ta' ommha Catherine Gerada is-somma ta' Lm11,250 (illum €26,205.45) biss. Huwa minnu li mill-kuntratt tal-bejgh ta' ghalqa fiz-Zurrieq datat 7 ta' Ottubru 2004[6], jirrizulta li l-attrici rceviet sehem mir-rikavat tal-bejgh bhala wahda mill-werrieta ta' ommha Catherine Gerada, izda fid-dokument esebit sussegwentement a fol. 110[7] iffirmat min-Nutar Dr. Mario Bugeja, jinsab dikjarat li l-attrici wirtet minghand ommha s-somma ta' Lm11,250 konsistenti f'"*the proceeds from the sale of a field at Zurrieq*". Din il-Qorti ma rriskontrat ebda prova ohra li turi li l-attrici setghet gabet iktar fondi parafernali fiz-zwieg oltre l-imsemmija somma ta' Lm11,250.

[B] Imbaghad, dwar il-flus parafernali li ssostni li nefqet ghall-beneficcju tal-komunjoni, l-attrici fl-appell taghha tghid li hija nefqet is-somma ta' Lm15,000 f'benefikati fid-dar matrmonjali. Kif gia` stabbilit, billi l-attrici ma gabitx prova li wirtet somma ikbar minn Lm11,250, dan l-aggravju in kwantu msejjes fuq allegat kreditu parefernali fis-somma ta' Lm15,000, ma jista' qatt jirnexxi.

---

[6] Doc. 4 a fol. 106 *et seq*.
[7] Doc. 5, datat 8 ta' Ottubru 2004.

[C] Dwar il-benefikati li tghid li ghamlet fil-fond matrimonjali bil-fondi parafernali taghha, l-attrici kienet xehdet[8] li mis-somma li wirtet, zewgha ha s-somma ta' Lm6,000 biex biha xtara vann Mitsubishi li kien jiswa Lm6,500, filwaqt li l-kumplament tal-flus fis-somma ta' Lm10,500 nefqithom fit-titjib tad-dar matrimonjali. Il-Qorti tosserva li l-appell tal-attrici jikkoncerna biss il-flus li hija tghid li ntefqu f'benefikati fid-dar matrimonjali, u mhux fix-xiri ta' karozza ghall-konvenut. L-attrici xehdet hekk dwar is-somma ta' Lm10,500 li skont hi ntefqet kollha gewwa d-dar:

> "Ghamilna per ezempju l-kamra tat-tifla, kamra tal-banju, fireplace, salott, purtieri u shower, kif ukoll il-bibien ta' gewwa kollha (pine bil-hgieg), zewg gallariji tal-aluminium.
>
> "Hadt il-flus fl-2004 u bil-mod bdejt nonfoqhom f'dawn li semmejt. Li fadal illi ma biddilniex huma l-kcina, l-kamra tas-sodda u l-kamra tat-tifel. Il-bqija biddilna kollox. Ghaddejna anki dawl gdid, ghamilna wkoll il-coving, il-gypsum fis-salott u tibjid."

[D] Jirrizulta li l-attrici baqghet ma pproduciet ebda ricevuta, dokumenti jew prova ohra li tissostanzja din l-allegazzjoni taghha. Izda, minn ezami tal-atti din il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut mhux talli ma jinnegax li waqt iz-zwieg l-attrici hadet xi flus mill-bejgh ta' proprjeta` gejja mill-wirt ta' ommha, talli fix-xhieda tieghu <u>jaqbel li l-attrici nefqet parti mill-flus parafernali taghha fid-dar matrimonjali tal-partijiet gewwa</u>

[8] Seduta 23 ta' April 2013, fol. 93.

Hal Kirkop billi hallset ghal xi benefikati f'din il-proprjeta`[9]. Fl-affidavit tieghu[10], il-konvenut jistqarr hekk:

> "L-ghalqa nbieghet ghal Lm150,000 u jien thallast Lm3,000 senserija. Fl-istess perijodu jien xtrajt vann ghal valur ta' Lm3,500. F'dan iz-zmien Tessie riedet li nduru d-dar biex din tkun isbah. Ghamlet xi tibdil fil-bibien, ix-shower, il-kamra tal-banju, il-kamra tas-sodda tat-tifla u infurrat is-salott. Bil-bqija tal-flus jien m'ghandhiex idea x'ghamlet."

[D] Din l-istqarrija tal-konvenut hija, in sostanza, konsistenti mal-verzjoni tal-attrici dwar il-benefikati li hija ghamlet fid-dar. Ghalkemm huwa minnu li l-attrici naqset milli tipproduci prova konkreta u oggettiva tal-ispejjez li nefqet fid-dar, din il-Qorti lanqas tista' twarrab il-fatt li l-konvenut, oltre li ammetta espressament fix-xhieda tieghu fuq citata, li martu hallset ghal xi benefikati fid-dar matrimonjali mill-flus parafernali taghha, ikkwantifika huwa stess din in-nefqa fic-cifra ta' bejn Lm3,000 u Lm4,000 (jew €6,988.12 u €9,317.50). In propositu, il-konvenut xehed hekk:

> "Mill-flus tal-wirt taghha, hi rrangat xi affarijiet id-dar li ma kellhomx bzonn jinbiddlu ghax kollox kien hemm. Naf illi kienet wirtet nahseb xi Lm10,000. Jekk nefqet xi Lm3,000 jew Lm4,000."[11]

---

[9] Jichad, izda, illi l-vann Mitsubishi inxtara bil-fondi parafernali tal-attrici u jsostni li huwa xtara l-vann bil-flus tas-senserija li rcieva fuq il-bejgh tal-imsemmija ghalqa fiz-Zurrieq.

[10] Affidavit tal-konvenut a fol. 153.

[11] Kontro-ezami tal-konvenut a fol. 207.

[E] Il-Qorti tqis illi din l-ammissjoni skjetta tal-konvenut ma tistax hlief tiswa fuq livell probatorju, daqs kull prova ohra li setghet ressqet l-attrici in sostenn tal-ammont li nefqet ghall-benefikati, u daqstant ghandha tinghata piz probatorju fl-evalwazzjoni tal-provi li fuqha l-qorti tasal ghad-decizjoni taghha. Madanakollu, tqis ukoll li l-istqarrija tal-konvenut tghodd bhala prova limitatament entro t-termini u parametri specifici li fiha saret: ghalhekk billi l-attrici ma ressqet ebda prova ohra dwar l-ammont li tghid li nefqet ghall-benefikati fid-dar, il-kreditu taghha ma jistax jigi kwantifikat f'ammont li jeccedi dak l-ammont li l-konvenut jaqbel li ntefaq f'benefikati, irrispettivament jekk dawn il-benefikati li hemm qbil dwarhom jistghu jeccedu fil-valur taghhom is-somma kwantifikata u accettata mill-konvenut.

11. Mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-attrici "*naqset milli tipprova sodisfacjentement li ghandha xi kreditu kontra l-komunjoni"* ghall-benefikati li ghamlet fid-dar matrimonjali. Huwa evidenti li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-qbil u ammissjoni tal-konvenut dwar il-benefikati li saru u l-valur taghhom. Ghalkemm huwa minnu li mill-provi ma jirrizultax sodisfacjentement li l-attrici ghamlet il-benefikati <u>kollha</u> li hija tghid li saru mill-flus parafernali taghha, din il-Qorti tqis illi bl-ammissjoni tal-konvenut hemm provi bizzejjed li l-attrici hallset mill-flus li

wirtet waqt iz-zwieg, ghal dawk il-benefikati li l-konvenut jaqbel li saru, u li nefqet is-somma li l-konvenut jaqbel li ntefqet ghal dawn il-benefikati.

12. Minhabba li fis-sentenza appellata gie ordnat il-bejgh tal-fond li fih saru l-benefikati pretizi mill-attrici - liema fond jidher li huwa l-uniku beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti - u dan biex issir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri.

13. Jigi osservat illi l-qbil li hemm bejn il-partijiet in kwantu ghall-benefikati li attwalment saru fil-fond mill-flus parafernali tal-attrici, huwa limitat ghas-segwenti benefikati: tibdil tal-bibien, shower u kamra tal-banju, kamra tas-sodda u infurrar tas-salott (gypsum u tibjid). Billi l-unika prova dwar il-valur ta' dawn il-benefikati tikkonsisti fil-kwantifikazzjoni maghmula mill-konvenut stess, il-Qorti tqis li dawn il-benefikati appena elenkati ghandhom valur komplessivament ta' bejn €6,988.12 u €9,317.50.

14. Huwa evidenti li whud minn dawn il-benefikati li dwarhom hemm prova (kamra tal-banju, shower, bibien u gyspum) jikkonsistu f'*fixtures* li jinghaqdu mal-proprjeta` skont il-principju generali tal-jedd ta'

accessjoni[12], filwaqt li ohrajn (bhall-kamra tas-sodda) jikkonsistu f'mobbli li facilment jitnehhew u ma jinghaqdux mal-fond.

15. In kwantu ghal dawk il-benefikati li jaccedu mal-fond, huwa evidenti li dawn ser jinbieghu mal-istess fond skont kif ordnat fis-sentenza appellata. L-attrici ghandha ghalhekk kreditu ghal dawn il-benefikati.

16. Izda jirrizulta wkoll illi l-attrici baqghet tghix wahedha fil-fond matrimonjali ghal diversi snin u peress li m'hemmx prova kuntrarja, il-Qorti fehmet li l-kamra tas-sodda li l-konvenut jaqbel li nxtrat mill-fondi parafernali tal-attrici, baqghet titgawda minnha tul dan iz-zmien kollu. Billi din tista' tigi facilment rimossa mal-bejgh tad-dar, il-Qorti tqis li jkun korrett li minflok li l-attrici tiehu lura l-prezz intier tal-akkwist taghha, din tigi assenjata lilha fis-sentenza.

17. Minn dan isegwi illi meta l-konvenut stqarr li l-attrici nefqet is-somma ta' bejn Lm3,000 u Lm4000 (jew €6,988.12 u €9,317.50) ghall-benefikati fid-dar inkluza l-imsemmija kamra tas-sodda, il-valur indikat mill-konvenut ghandu jonqos b'ammont li jirrapprezenta l-valur tal-lum tal-istess mobbli li qed jigi assenjat lill-attrici.

[12] Artikolu 567 *et seq.* tal-Kodici Civili.

18. Ghalkemm l-attrici, kif inghad, ma gabitx prova dwar l-ammont konkret li nefqet ghall-benefikati li saru fid-dar, bl-ammissjoni tal-konvenut li l-benefikati li jaqbel li saru swew bejn €6,988.12 u €9,317.50, din il-Qorti tqis li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha fil-kaz odjern sabiex tasal *arbitrio boni viri* ghal cifra li tirrapprezenta l-kreditu lilha dovut f'dan ir-rigward, u li ghandha quddiemha bizzejjed taghrif biex tista' taghmel dan ezercizzju ekwitattiv u kwimdi gustizzja mal-attrici.

19. Huwa ritenut illi:

> "Il-Qorti tista' tillikwida kumpens arbitrio boni viri imbasta thares b'reqqa l-elementi kollha li johorgu mill-atti tal-kawza u tifforma l-fehma taghha fuq motivazzjoni logika li taghti hjiel xieraq ta' kif hi tkun waslet ghal dik il-likwidazzjoni. [PA SMW Cortis Limited vs Grima, 9 Novembru 2006]".[13]

20. Wara kollox, jinghad li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta mhux possibbli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni l-ammont dovut[14].

---

[13] Qorti Kostituzzjonali 33/2008, **Carmelo Massa et v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, deciza 30 April 2012.
[14] **Priscilla Cassar v. Robert Farrugia** - Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza 15 ta' Lulju 2014.

21. Fil-kaz odjern, mehud qies li dawk il-benefikati li l-konvenut jaqbel li saru fid-dar mill-flus parafernali tal-attrici, inkluz il-kamra tas-sodda tat-tifla, *ex admissis* kienu jiswew bejn €6,988.12 u €9,317.50, il-valur ta' dawk il-benefikati nieqes il-valur tal-lum tal-imsemmija kamra tas-sodda li qed tigi assenjata lill-attrici, qed jigi kwantifikat minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* fis-somma komplessiva ta' €8,500.

22. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-attrici qed jigi milqugh limitatament fis-sens hawn deciz, billi l-kreditu parafernali li ghandu jithallas lill-attrici qieghed jigi kwantifikat fl-imsemmi ammont ta' €8,500 filwaqt li l-kamra tas-sodda tat-tifla qed tigi assenjata lill-attrici.

23. Peress li ma sar ebda appell mill-ordni ghall-bejgh tad-dar matrimonjali u l-ewwel Qorti ddecidiet li l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghandha ssir billi l-fond gia` matrimonjali tal-partijiet - li huwa l-uniku assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti - jinbiegh u r-rikavat li jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, din il-Qorti tordna wkoll li l-kreditu parafernali li ghandha l-attrici kontra l-komunjoni tal-akkwisti fl-imsemmija somma ta' €8,500 ghandha tithallas lill-attrici mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u l-bilanc tar-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

It-Tieni Aggravju

24. L-attrici tilmenta ulterjorment illi t-terminu ta' tliet xhur impost fis-sentenza appellata ghall-bejgh tal-fond matrimonjali, huwa qasir wisq u minflok ghandu jigi impost terminu ta' mill-inqas sena sabiex il-partijiet jistghu jiksbu l-ahjar prezz tas-suq minflok jigu kostretti li jbieghu l-fond bis-subbasta.

25. Il-konvenut wiegeb li t-terminu ta' tliet xhur ordnat mill-ewwel Qorti huwa gust tenut kont tal-fatt li l-proceduri ta' separazzjoni damu diversi snin sabiex jigu konkluzi minhabba dewmien da parti tal-attrici, u huwa wkoll bzonnjuz sabiex il-partjiet jistghu jillikwidaw il-beni komuni fl-inqas zmien possibbli.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

26. In vista wkoll tal-oppozizzjoni tal-konvenut fir-rigward, il-Qorti ma taqbilx li ghandu jigi estiz it-terminu ghall-bejgh tal-fond matrimonjali kif ordnat mill-ewwel Qorti. Tqis illi salv f'kazijiet eccezzjonali, l-ordnijiet gudizzjarji ghandhom jitwettqu minghajr dewmien zejjed u f'dan il-kaz, jehtieg li l-partijiet jaghlqu darba ghal dejjem il-kapitolu tas-separazzjoni taghhom li ilha ghaddejja mill-2012, u jircievu dak dovut lilhom mil-

likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. F'kull kaz, il-Qorti ghandha is-setgha illi taggudika hi kif u meta ghandha ssir il-likwidazzjoni tal-komunjoni fl-ahjar ghall-interess tal-partijiet jew tal-parti rebbieha.

27. Inoltre, f'dan il-kaz il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-attrici mhux talli baqghet tghix fid-dar matrimonjali u tgawdiha wahedha ghal diversi snin, talli bis-sahha tal-appell taghha mid-data tas-sentenza appellata l-attrici kisbet iktar minn sentejn ohra sabiex tkompli tgawdi l-fond matrimonjali a skapitu ta' zewgha: zmien li fih l-attrici bla dubju kellha kull opportunita` li tfittex l-ahjar prezzijiet ghall-bejgh tal-fond fuq is-suq.

28. Dan l-aggravju huwa ghalhekk bla meritu u qed jigi michud.

Decide

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tilqghu parzjalment u tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tiddeciedi li l-attrici ghandha kreditu parafernali rapprezentanti benefikati li saru fil-fond gia` matrimonjali tal-partijiet, liema kreditu qed jigi likwidat *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tmint elef u hames mitt Euro (€8,500) u ghandu jithallas lill-attrici mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali; (ii) tordna li l-attrici tigi assenjata il-kamra tas-sodda tat-tifla;u (iii) ghall-bqija tichad l-appell

u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' tliet xhur ghall-bejgh tal-fond bin-numru tmienja (8), blokk numru wiehed (1), Triq 21 ta' Settembru 1964, Hal Kirkop, ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata, filwaqt li dawk relatati ma' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df